

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi ⁽¹⁾ jipprekludi, fil-qasam tar-responsabbiltà tal-laboratorji farmaċewtiċi għat-tilqimiet li huma jimmanufatturaw, metodu ta' prova li permezz tiegħu l-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, fl-eżerċizzju tas-setgħa sovrana tagħha ta' evalwazzjoni, tista' tqis li l-punti ta' fatt invokati mir-rikorrent jikkostitwixxu preżunzjonijiet serji, preċiżi u konkordanti, ta' natura li jagħtu prova tad-difett tat-tilqima u tal-eżistenza ta' rabta kawżali tagħha mal-marda, minkejja l-konstatazzjoni li r-riċerka medika ma tistabilixxix rabta bejn it-tilqima u s-sehħa tal-marda?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda 1, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374, iċċitata iktar 'il fuq, jipprekludi sistema ta' preżunzjonijiet li permezz tagħha l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-difett relatat ma' tilqima u d-dannu subit mill-vittma dejjem titqies bħala stabbilita fil-preżenza ta' ċerti indikazzjonijiet ta' kawżalità?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374, iċċitata iktar 'il fuq, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prova, li għandha tiġi prodotta mill-vittma, tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-difett relatat ma' tilqima u d-dannu subit minnha tista' titqies li ġiet prodotta biss jekk din ir-rabta tkun stabbilita b'mod xjentifiku?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257.

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Litwanja)
fit-23 ta' Novembru 2015 – Litdana UAB vs Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos
finansų ministerijos**

(Kawża C-624/15)

(2016/C 048/26)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Vilniaus apygardos administracinis teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Litdana UAB

Konvenut: Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

Domandi preliminari

- 1) Hemm lok li tiġi awtorizzata, skont l-Artikoli 314(a) u 226(11) tad-Direttiva 2006/112 ⁽¹⁾ kif ukoll skont l-Artikoli 314 (d) u 226(14) ta' din id-direttiva, leġislazzjoni nazzjonali u/jew prassi nazzjonali bbażata fuqha li tipprobjixxi lil persuna taxxabbli tapplika l-iskema ta' marġni fil-qasam tal-VAT minħabba li, waqt kontroll fiskali mwettaq mill-awtorità tat-taxxa, irriżulta li informazzjoni/data ineżatta dwar l-applikazzjoni tal-iskema ta' marġni fil-qasam tal-VAT u/jew dwar eżenzjoni mill-VAT kienet tinsab fil-fatturi tal-VAT relatati mal-oġġetti kkunsinnati, filwaqt li l-persuna taxxabbli ma kinitx taf dwar dan u ma setgħetx tkun tafu?

- 2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jinftiehem u jiġu interpretati fis-sens li, minkejja li l-fattura tal-VAT tindika li l-oġġetti huma eżenti mill-VAT (Artikolu 226(11) tad-Direttiva 2006/112) u/jew li l-bejjiegħ applika l-iskema ta' marġni sabiex jikkunsinna l-oġġetti (Artikolu 226(14) tad-Direttiva 2006/112), il-persuna taxxabbli tikseb id-dritt li tapplika l-iskema ta' marġni ta' VAT biss jekk il-fornitur tal-oġġetti japplika realment l-iskema ta' marġni u jwettaq debitament l-obbligi tiegħu fil-qasam tal-ħlas tal-VAT (iħallas il-VAT fl-Istat tiegħu abbażi tal-marġni)?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, ta[t-]28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

Appell ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2015 minn VSM Geneesmiddelen BV mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fis-16 ta' Settembru 2015 fil-Kawża T-578/14, VSM Geneesmiddelen BV vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-637/15 P)

(2016/C 048/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: VSM Geneesmiddelen BV (rappreżentant: U. Grundmann, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla), fis-16 ta' Settembru 2015, fil-Kawża T-578/14, innotifikata b'faks fil-21 ta' Settembru 2015.
- tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Awla li ma jittiħdux inkunsiderazzjoni l-ittri ppreżentati fit-22 u fl-24 ta' Lulju 2015 dwar il-proċess tal-Kawża T-578/14, innotifikata fil-21 ta' Settembru 2015.
- tiddikjara li l-Kummissjoni illegalment naqset milli tibda l-evalwazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa dwar sustanzi botaniċi mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel konformement mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 mill-1 ta' Awwissu 2014 u, sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni, li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2014, li ma tibdiex l-evalwazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa dwar sustanzi botaniċi mill-EFSA, konformement mal-Artikolu 13 qabel l-1 ta' Awwissu 2014.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż relatati mal-proċeduri.

Aggravji u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija [magħmula] fuq l-ikel (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar indikazzjonijiet dwar is-saħħa"), il-Kummissjoni Ewropea kellha l-obbligu li tadotta lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-sustanzi użati fil-prodotti tal-ikel l-iktar tard il-31 ta' Jannar 2010. Fit-tnejjja tal-adozzjoni ta' din lista, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (iktar 'il quddiem l-"EFSA") kienet responsabbli għall-evalwazzjoni tal-indikazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri. Madankollu, f'Settembru 2010, il-Kummissjoni ħabbret li kienet issospendiet u eżaminat mill-ġdid il-proċedura ta' evalwazzjoni dwar l-indikazzjonijiet dwar is-sustanzi botaniċi, wara li l-EFSA waqfet teżamina dawn l-indikazzjonijiet. Il-Kummissjoni ssospendiet biss il-proċedura ta' evalwazzjoni ta' sustanzi botaniċi, u mhux il-proċedura dwar sustanzi kimiċi oħra simili.